**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 26 ta` Mejju 2016**

**Kawza Nru. 8**
**Rik. Gur. Nru. 714/07 JZM**

**De Haan Transport (Malta) Limited u Carl Felix Wim Antonius Hamm bhala likwidatur tas-socjetajiet Olandizi De Haan Verhuizingen B.V., De Haan Materieel B.V., u De Haan Internationale Expeditie B.V.**

***kontra***

**(1) ACE Shipping Limited (C-12526)**

**(2) Saviour Mifsud**
**[K.I. Nru. 1061745(M)]**

**(3) Marie Mifsud**
**[K.I. Nru. 693950(M)]**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-13 ta` Novembru 2007 li jaqra hekk :–

*1. Illi s-socjeta` konvenuta kienet giet appuntata bhala agent tas-socjetajiet attrici permezz ta` ftehim bil-miktub datat hdax (11) ta` Gunju tas-sena elf disa` mija hamsa u disghin (1995) u damet hekk tahdem ta` agent ghas-socjetatjiet attrici sa Jannar, tas-sena elf disa` mija sebgha u disghin (1997) u di fatti f`dan il-perjodu ghamlet xoghol ta` agent u/jew agenzija ghas-socjetajiet attrici skont l-imsemmi ftehim u skont ukoll akkordi sussegwenti ghall-amministrazzjoni u trasport ta` trailers u/jew vetturi relattivi appartenenti lil jew uzati mill-istess socjetajiet attrici ;*

*2. Illi tul l-attivita` kummercjali tas-socjeta` konvenuta kif fuq espost, dina rceviet u hallset somom u inkorriet fi spejjez in konnessjoni ma` dik l-attivita` u r-rizultanzi attivi jappartjenu lis-socjeta` attrici ;*

*3. Illi l-ammonti dovuti mis-socjeta` konvenuta lis-socjetajiet attrici kienu jigu konstatati mill-Awditur Anton Ferris, li kellu jiehu hsieb il-kontijiet u jaghmel l-accounts necessarji ;*

*4. Illi minhabba ragunijiet taghha, is-socjeta` konvenuta ma baqghetx tara li jsiru l-accounts relattivi u di fatti s-socjetajiet attrici kellhom jistitwixxu proceduri gudizjarji kontra s-socjeta` konvenuta halli taghti rendikont skont il-ligi* **(***De Haan Transport (Malta) Ltd et vs ACE Shipping Ltd – Cit. Nru. 147/98 AL).*

*5. Illi fil-kors tal-proceduri ta` din l-imsemmija kawza rrizulta illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjetajiet attrici fi-somma ta` mija hamsa u hamsin elf Lira u mitejn tnejn u ghoxrin Liri Maltin (LM155,222). Di fatti Anton Ferris li xehed f`dik il-kawza stqarr bil-gurament tieghu nhar is-6 ta` April, 2000 illi "dawn id-dokumenti li jiena esebejt jirrizulta minnhom li fl-ahhar tal-1996 kien hemm ammont dovut mill-ACE lil De Haan Internationale Expeditie B.V ta` Lm54,000 circa. Sussegwentement peress li waqfu l-operazzjonijiet u saru xi reversal tal-accruals din is-somma telghet*

*ghall-circa LM155,000". Cifra li giet ukoll ikkonfermata anke minn John Zammit, awditur tas-socjeta` konvenuta.*

*6. Illi l-konvenuti Saviour Mifsud u Marie Mifsud huma azzjonisti, diretturi u ghandhom ir-rapprezentanti guridika tas-socjeta` konvenuta ACE Shipping Limited.*

*7. Illi l-konvenuti Saviour Mifsud u Marie Mifsud huma personalment responsabbli ukoll flimkien mal-kumpannija konvenuta u dan stante li huma naqsu milli jiehdu hsieb l-affarijiet tal-kumpannija skont il-ligi u baqghu jinnegozjaw u jdahhlu lill-kumpannija f`iktar dejn meta kienu jafu li l-kumpannija konvenuta ma kinitx fi stat li tonora d-debiti taghha.;*

*8. Illi di piu`, is-socjeta` konvenuta ilha snin twal ma tissottometti accounts u dokumentazzjoni ohra mehtiega mil-ligi lir-Registratur tas-Socjetajiet.*

*9. Illi fid-dokumentazzjoni relattiva tas-socjeta` konvenuta li hemm mizmuma mar-Registratur tas-Socjetajiet hemm indikat ukoll illi s-socjeta` konvenuta qeghda fi stat ta` likwidazzjoni u dan tat-tip "creditors winding up", mentri f`dokumentazzjoni ohra hemm indikata li l-likwidazzjoni hija tat-tip "consequential voluntary winding up". Dokumenti li ser jigu esebiti matul it-trattazzjoni tal-kawza u li ser juru l-istat ta` konfuzjoni li fih tinsab is-socjeta` konvenuta, u l-istampa li jridu jaghtu z-zewg konvenuti odjerni li huma diretturi fl-istess socjeta` konvenuta, bl-intiza li jiddefrawdaw id-drittijiet tas-socjeta` attrici.*

*10. Illi ghandu jirrizulta illi s-socjeta` konvenuta, u l-konvenuti l-ohra mexxew in-negozju tal-istess socjeta` konvenuta b`tali mod u manjiera li ddefrawdaw lis-socjeta` attrici mid-drittijiet taghha senjatament li tigbor dak li huwa dovut lilha, u taw l-impressjoni lis-socjeta` attrici li l-kumpannija konvenuta kienet kapaci thallas id-debiti taghha, meta effettivament kienu jafu illi ma setghatx taghmlu.*

*11. Illi llum il-gurnata s-socjeta` konvenuta qeghda in likwidazzjoni u ma jidhirx li hija ghandha assi u dan minhabba l-agir frawdolenti u negligenti tal-konvenuti.*

*12. Illi minkejja li s-socjeta` attrici ppruvat taghmel l-almu taghha kollu sabiex tigbor dawn il-flejjes minghand il-konvenuti dawn baqghu inadempjenti.*

*13. Illi kien minhabba f`hekk illi hija kellha taghmel dawn il-proceduri.*

*14. Illi l-attrici taf b`dawn il-fatti personalment.*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-attrici titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha :-*

*1. TIDDIKJARA li s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjetajiet attrici fis-somma ta` mija u hamsa u hamsin elf, mitejn u tnejn u ghoxrin Lira Maltin (Lm155,222) jew somma ohra verjuri kif stabbilit minn din il-Qorti u dan flimkien ma` l-imghaxijiet legali mid-data ta` meta kienu dovuti dawn l-istess flejjes.*

*2. TIDDIKJARA li l-konvenuti personalment, jew min minnhom, li kienu lkoll diretturi taghha u li xjentement kienu parti fit-tmexxija tan-negozju bil-mod hawn deskritt, mexxew lis-socjeta` konvenuta bil-hsieb ta` frodi tal-kredituri, u ghaldaqstant ai termini u ghall-finijiet tal-artikolu 315 tal-Kap. 386 huma responsabbli minghajr ebda limitazzjoni ta` responsabbilita` ghad-dejn li ghandha s-socjeta` konvenuta versu l-esponenti fl-ammont ta` mija hamsa u hamsin elf, mitejn tnejn u ghoxrin Lira Maltin (Lm155,222) jew somma ohra verjuri kif il-Qorti tista` tordna flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data ta` meta kienu dovuti dawn l-istess flejjes.*

*3. TIKKUNDANNA lill-konvenuti solidament jew min minnhom sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma hekk dovuta.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li minn issa huma ngunti in subizzjoni*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati minnhom fir-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kollha li kienet prezentata fit-23 ta` Novembru 2007 li taqra hekk :–

*1. ILLI l-konvenuti ma humiex il-legittimi kontraditturi u dan stante li ACE Shipping Limited qatt ma kienet appuntata agent tas-socjetajiet attrici, De Haan Transport (Malta) Limited, De Haan Verhuizingen BV jew De Haan B.V Materieel BV. In oltre, l-konjugi Mifsud qatt ma kellhom xi relazzjoni kuntrattwali jew kummercjali mas-socjetajiet attrici msemmija.*

*2. ILLI l-konvenuti jichdu l-premessi pprezentati mis-socjeta` attrici fir-rikors taghha stante li dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.*

*3. ILLI l-istess atturi diga` pprezentat kawza kontra s-socjeta` konvenuta fuq l-istess mertu fl-ismijiet De Haan Transport (Malta) Limited et- vs- ACE Shipping Limited, citazzjoni numru 147/98 AL liema kawza diversament preseduta ghadha pendenti quddiem il-Prim Awla, u ghaldaqstant ir-rikors odjern huwa wiehed intempestiv.*

*4. ILLI l-istess socjeta` attrici, De Haan Transport (Malta) Limited, fil-gurnata stess li ntavolat din il-kawza pprezentat kawza ohra fl-ismijiet De Haan Transport (Malta Limited –vs- ACE Shipping Limited et, rikors guramentat numru 713/2007 GV, liema rikors huwa kopja identika ta` dan odjern u ghalhekk jaghti lok ghal eccezzjoni ta` lis alibi pendens.*

*5. ILLI l-fatt li l-konvenuti Saviour u Marie Mifsud huma azzjonisti u diretturi ta` ACE Shipping Limited, bl-ebda mod huma garanti jew personalment responsabbli ghad-debiti tas-socjeta` konvenuta.*

*6. ILLI s-socjeta` ACE Shipping Limited hija in likwidazzjoni u ghaldaqstant r-rapprezentant guridiku tas-socjeta` huwa l-istralcjarju u mhux il-konjugi Mifsud. GhalheKk, in-notifika tas-socjeta` konvenuta hija nulla;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

Rat in-nota li pprezentaw l-atturi fil-5 ta` Ottubru 2009.
Semghet ix-xiehda tal-Av. Dr. Claudette Fenech u ta` Anton Ferris fl-udjenza tat-12 ta` Ottubru 2009 u rat id-dokument li kien esebit fl-istess udjenza.

Rat in-nota bi tliet dokumenti li pprezentaw l-atturi fl-udjenza tat-18 ta` Jannar 2011.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-3 ta` Frar 2011 fejn ordnat l-allegazzjoni tal-process tal-kawza fl-ismijiet *Angelo Carabott vs Av. Dr. Victor Ragonesi et Citaz. Nru 1412/98* li kienet deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta` Mejju 2006.

Rat l-atti tal-process allegat.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-konvenut Saviour Mifsud, kif ukoll id-dokumenti li kienu annessi.

Semghet ix-xiehda ta` Paul Aquilina fl-udjenza tas-17 ta` Jannar 2012 u rat id-dokumenti li kienu esebiti fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Anton Ferris fl-udjenza tal-5 ta` Marzu 2012.

Semghet ix-xiehda ta` John Zammit u ta` l-Av. Dr. Carmel Chircop fl-udjenza tal-15 ta` Jannar 2013 u rat id-dokument li kien esebit fl-istess udjenza.

Rat in-nota b`dokument li pprezentaw il-konvenuti fis-26 ta` Marzu 2013.

Rat id-dokumenti prezentati mill-atturi fis-6 ta` Mejju 2013, fis-7 ta` Mejju 2013 u fil-11 ta` Lulju 2013.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-Av. Dr. Carmel Chircop u ta` l-konvenut Saviour Mifsud fl-udjenza tal-20 ta` Marzu 2014.

Semghet ix-xiehda ta` l-Av. Dr. Carmel Chircop fl-udjenza tat-22 ta` Mejju 2014.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentaw l-atturi fl-24 ta` Marzu 2015.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-2 ta` Frar 2016 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Sintesi tal-provi

**Av. Dr. Claudette Fenech** ghar-Registratur tal-Kumpanniji ipprezentat kopja tal-ahhar memorandum u articles of association tas-socjeta` konvenuta. Fl-1992, Joseph Bartolo li kien direttur irrizenja u dahal minflok Saviour Mifsud. In segwitu l-azzjonisti u d-diretturi baqghu l-istess Saviour Mifsud u Marie Mifsud. Minn mindu s-socjeta` kien kostitwita fl-4 ta` April 1991, qatt ma baghtet *accounts*. Fit-2 ta` Lulju 2006, l-MFSA rcieva notifika tax-xoljiment tal-kumpannija. Kienet a *creditors` winding up*. Ma jirrizultax li kien mahtur stralcjarju ; ghalhekk id-diretturi kienu ghadhom jirrapprezentaw il-kumpannija. Billi ma kienux intbaghtu l-*annual returns* u l-*accounts* tal-kumpannija, kien hemm kumulu ta` multi li llum jaqbez l-€3,600.

**Anton Ferris** xehed illi huwa *accountant* u bejn id-9 u 12 ta` Gunju 1995, huwa kien jahdem ma` Forwarders Ltd li kienet agent ta` De Haan Internationale Expeditie B.V. Wasal Malta rapprezentant tas-socjeta` estera

biex ikellem lilu u lill-haddiema. Saret laqgha l-Lukanda Hilton fejn kien spjegat minn De Haan Internationale Expeditie B.V illi l-agenti taghha Malta, Forwarders Limited, kienet sejra titnehha, u b`sehh mit-12 ta` Gunju 1995, Ace Shipping Limited kienet ser tiehu postha. Saviour Mifsud talab lil De Haan Internationale Expeditie B.V sabiex javvanzawlu xi flus sabiex ikun jista` jhallas lis-Sea Malta, il-Cargo Handling u kredituri ohra. Huwa talab li jahdem dirett ma` De Haan Internationale Expeditie B.V u ghalhekk sar ftehim fejn ghalkemm ma` l-ETC, huwa kien registrat ma` Ace Shipping Limited, il-paga tieghu kellha tiithallas direttament minn De Haan Internationale Expeditie B.V., billi De Haan Internationale Expeditie B.V tghaddi l-flus lil Ace Shipping Limited u din thallas lilu. Meta l-agent kienet Forwarders Limited, kienet thallsu hi mhux De Haan Internationale Expeditie B.V.

Stqarr illi minhabba li kien sar mandat ta` sekwestru kontra ta` De Haan Internationale Expeditie B.V. huwa kellu jinqaleb kollox ghal fuq isem Ace Shipping Limited ; b`hekk il-flus bdew jigu amministrati kollha minn Ace Shipping Limited. Kull nhar ta` Tnejn kien jibghat lill-financial controller *summary report* u kull xahar fl-ahhar hmistax kien jibghat lill-financial controller il-*management accounts*. Fis-7 ta` Jannar 1997, kien avzat minn De Haan Internationale Expeditie B.V li n-negozju kien ser jieqaf peress li kienu twaqqfu xi licenzji tat-trasport. Meta nghalqu l-kotba fl-1997, Ace Shipping Limited kellha taghti Lm 54,111 lil De Haan Internationale Expeditie B.V. Bil-flus li kellhom jigbru, kien hemm bizzejjed biex jithallsu s-*subcontractors* fl-ammont ta` Lm 70,527. In segwitu is-*subcontractors* John Abela Ltd u Geyzer Enterprises Ltd, minflok thallsu, hadu t-*trailers* ta` De Haan Internationale Expeditie B.V. Huwa thallas il-paga tieghu wara li Dr Victor Ragonesi gab konferma mill-Olanda. Qal illi ma jafx kif inqatghu l-*insurance claims* li kien hemm pendent. Meta jittiehed kont ta` kollox, Ace Shipping Limited kellha thallas bilanc ta` Lm 152,605 lil De Haan Internationale Expeditie B.V.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, Anton Ferris xehed illi huwa hadem bhala *financial controller* ta` Forwarders Limited minn Ottubru 1990 sa nofs Gunju 1995. Kien De Haan nnifsu illi qallu jattendi ghal-laqgha fejn kienu ndirizzati l-impjegati kollha ta` Forwarders Limited. Ikkonferma illi bejn Forwarders Lmited u De Haan Internationale Expeditie B.V kien hemm kawzi pendenti billi Forwarders Limited ma kienux qeghdin jibghatu De Haan Internationale Expeditie B.V. il-flus li kienu gabru. Ghal-laqgha kien prezenti Saviour Mifsud. Ace Shipping Limited hadet maghha l-impjegati kollha ta` Forwarders Limited li kienu madwar ghoxrin.

Qal li huwa kien l-uniku li s-salarju tieghu kien jithallas minn De Haan Internationale Expeditie B.V ; il-bqija tal-impjegati kienu jithallsu direttament minn Ace Shipping Limited. Ighid illi ma kienx involut fid-diskussjonijiet li ghaddew bejn Ace Shipping Limited u De Haan Internationale Expeditie B.V.

Qal illi ma kienx jaf li De Haan Internationale Expeditie B.V kellha kawza dwar *customs fraud* fl-Olanda. Inghata hjiel li kien hemm din il-kawza meta f`Ottubru 1995, De Haan innifsu qabad jibki u qalilhom li wara erbghin sena bhala *managing director* kien tkecca u inhatar Peter Duval minflok. De Haan ma qallux ghaliex kien tkecca. Meta mbaghad l-ahbar dehret fil-gazzetti kompla jsir jaf bil-kawza. Safejn jaf hu ma nghad xejn lil Saviour Mifsud dwar il-kawza fl-Olanda.

Qal illi Ace Shipping Limited ma setghetx tibqa` topera ghaliex ma kinux ser jaslu aktar trailers minghand De Haan. Ace Shipping Limited kellha ftit xoghol minghand persuni ohra ghaliex l-operat principali taghha kien ma` De Haan Internationale Expeditie B.V.

Fisser illi l-accountant ta` Ace Shipping Ltd kien Francis Grech. L-awditur kien John Zammit u qablu kien hemm Ray Stafrace. Huwa kien iltaqa` ma` John Zammit meta waslu ghall-gheluq ta` l-accounts ta` l-1996. L-invoices kienu jinhargu minn Tanya Carabott u Janet Attard ; huwa kien jivverifikahom. Francis Grech kien jiehu hsieb icempel lid-debituri tal-kumpannija. Huwa kien jigbor il-flus u jekk ikun hemm xi kwistjonijiet, kien jiehu hsieb ta` dawn ukoll. Ic-cheques ta` Ace Shipping Limited kien jiffirmahom Saviour Mifsud wahdu. Kontijiet kien hemm tnejn : wiehed ghall-freight mnejn kienet tithallas direttament De Haan Internationale Expeditie B.V ; u l-iehor ghal local charges mnejn kienet tithallas direttament Ace Shipping Limited. Din kienet tithallas commission ta` Lm 85 ghal kull trailer.

Xehed illi De Haan Internationale Expeditie B.V Transport Malta Limited kienet parti mid-De Haan Internationale Expeditie B.V Group. Din il-kumpannija kienet ilha tezisti sa minn zmien qabel ma` dahal fix-xena hu. Il-procedura taz-zewg kontijiet ma setghetx tigi operata mnhabba xi mandati ta` sekwestru li kienu saru kontra De Haan Internationale Expeditie B.V. In-negozju ta` De Haan kien ikopri kemm importazzjoni kif ukoll esportazzjoni ta` merkanzija. Kienu jinhargu invoices ghal xoghol li kien jigi fatturat

Malta filwaqt li De Haan Internationale Expeditie B.V kienet tohrog kontijiet ghal barra minn Malta. Il-kontijiet kienu lkoll mnizzla fil-management accounts ta` Ace Shipping Limited. De Haan Internationale Expeditie B.V kienet tinformahom b`fax dwar il-flus li tkun harget fatturi taghhom hi u li tkun gabret il-pagament taghhom. Minn Malta kienu jingabru aktar pagamenti milli minn barra. Qabel jibghat l-informazzjoni lil De Haan Internationale Expeditie B.V, huwa kien jiccekkja ma` Francis Grech sabiex ssir rikonciljazzjoni ta` kollox. L-accounts li kien qed izomm, u l-*current account* li kien qed jestrapula u jibghat lil De Haan Internationale Expeditie B.V kien qed isir fuq *an accrual basis* u mhux fuq *cash basis*. Dan ifisser li dak li fl-accounts irrizulta li huwa pagabbli lil De Haan Internationale Expeditie B.V ma jfissirx li dawk il-flus ingabru kollha minn Ace Shipping Ltd.

Qal illi mill-current account li hareg hu, irrizulta li De Haan Internationale Expeditie B.V kellha tiehu Lm 54,118 u li dawn il-flus ma kinux kollha ngabru minn Ace Shipping Limited. Mill-ahhar ta` Novembru 1996 sas-7 ta` Jannar 1997 huwa ma kienx qed jidhol ghax-xoghol imma kellu kuntatt il-hin kollu bit-telefon. Kien dahal lura x-xoghol wara li kien talbu Saviour Mifsud biex jaghlaqlu l-kotba. Huwa hejja d-dokumenti esebiti minn Dok AF1 sa AF5. Huwa ma kienx wera dawk id-dokumenti lil Saviour Mifsud peress li l-Accounts kienu ta` De Haan Internationale Expeditie B.V mhux ta` Ace Shipping Limited. Meta ghalqu l-kotba ta` Ace Shipping Limited kienu waslu ghall-istess figura ta` Lm 54,000. Il-figura ta` Lm 155,000 qatt ma kienet approvat minn Saviour Mifsud jew mill-awditur John Zammit. Huwa ma tax *notice* lil Ace Shipping Limited ; lanqas ma qaghad jigri wara l-kredituri taghha.

Stqarr illi l-Av. Victor Ragonesi kien iffirma bhala xhud il-ftehim ta` bejn Ace Shipping Limited u De Haan Internationale Expeditie B.V. Wara s-7 ta` Jannar 1997, huwa ma marx ghax-xoghol. Mistoqsi kif wasal ghall-figura ta` Lm 155,000 huwa sostna li Ace Shipping Limited kellha ammont kbir x` tigbor minghand terzi ghan-nom ta` De Haan Internationale Expeditie B.V. Fuq mistoqsija tal-Qorti dwar kemm mill-ammont ta` Lm 155,222 kienu attwalment migbura minn Ace Shipping Limited u ma kienux marru ghand De Haan Internationale Expeditie B.V, u kemm mill-ammont ta` Lm 155,222 kellhom jingabru minn Ace Shipping Limited izda ma ngabrux u ghalhekk ma marrux ghand De Haan Internationale Expeditie B.V, ix-xhud stqarr illi ma kellux risposta ghal dawk il-kwesiti peress li huwa ma kienx ra l-kotba tal-accounts aggornati. Li kellu kienu biss dawk sal-21 ta` Jannar 1997. Qal illi s-somma ta` Lm 155,222 kienet il-kumpless ta` fondi li skont il-konteggi tieghu kienet dovuta lil De Haan Internationale Expeditie B.V sal-21 ta`

Jannar 1997. Parti minn dawn il-flus kienu migbura diga` u parti kellhom jingabru. Skont l-audited accounts ta` Ace Shipping Limited fil-31 ta` Dicembru 1996, kulma kien hemm *cash in hand* kien l-ammont ta` Lm 20,000. Sostna li whud mill-items li huma mnizzla fil-konteggi tieghu kellhom jigu riveduti peress li wara l-21 ta` Jannar 1997, kienet saret kawza minn certu Carabott kontra Ace Shipping Limited biex jithallas minghandha. Ma setax ighid ghaliex ma kienx jaf x`gara wara l-21 ta` Jannar 1997 u jekk Ace Shipping Limited kenitx hallset uhud mill-*items* indikati fil-konteggi tieghu.

**Il-konvenut Saviour Mifsud** xehed illi huwa kien direttur tas-socjeta` konvenuta Ace Shipping Limited, li kienet agent tas-socjeta` estera De Haan Internationale Expeditie B.V Internationale Expedite B.V. sakemm din il-kumpannija estera ddikjarat falliment fil-bidu tal-1997. Il-konsegwenza ta` dan kienet illi Ace Shipping Limited kellha twaqqaf l-operat taghha fil-bidu tal-1997 u baqghet ma operatx aktar. Precedentement De Haan Internationale Expeditie B.V kienet rapprezentata Malta minn agenzija ohra bl-isem ta` Forwarders Limited. In segwitu sar ftehim bejn Ace Shipping Limited u De Haan Internationale Expeditie B.V Internationale Expedite B.V. fejn is-socjeta` Maltija saret l-agent tas-socjeta` estera. Huwa ffirma l-ftehim ghal Ace Shipping Limited, Adrian De Haan iffirma ghal De Haan Internationale Expeditie B.V Internationale Expedite B.V u l-Av. Dr. Victor Ragonesi li kien l-avukat Malta ta` De Haan kien ix-xhud tal-firem. Insista li qatt ma kien hemm ftehim mal-kumpannija attrici. Ace Shipping Limited qatt ma kellha relazzjoni kuntrattwali jew mod iehor mal-kumpannija attrici.

Xehed illi skont il-ftehim, De Haan Internationale Expeditie B.V Internationale Expedite B.V kellha torganizza l-garr tal-merkanzija u ghal dan tithallas il-freight li kellu jingabar minghand il-klijenti u jithallas lil De Haan Internationale Expeditie B.V Min-naha taghha Ace Shipping Limited kellha thallas l-ispejjez lokali kollha ; dawn kellhom jigu rimborsati mill-hlasijiet illi De Haan Internationale Expeditie B.V jew Ace Shipping Limited jigbru minghand il-klijenti. Skont in-natura tal-kuntratt tal-garr, in-noll kien gieli jithallas direttament lil De Haan Internationale Expeditie B.V u gieli lil Ace Shipping Limited. Minhabba dan kien jizamm kont kurrenti ghal Ace Shipping Limited u kont kurrenti iehor ghal De Hann Internationale Expeditie B.V fejn kienu jsiru l-kontijiet ta` dak li kien dovut lil wiehed jew lill-iehor mill-pagamenti li kienu jidhlu ghand kull socjeta`. Dawn il-kontijiet kurrenti kienu jigu gestiti minn Anton Ferris flimkien mal-kotba l-ohra relatati ma` l-agenzija.

Fisser illi kien miftiehem li Ace Shipping Limited kellha tithallas minghand De Haan Internationale Expeditie B.V is-somma ta` Lm 85 ghal kull trailer amministrat minnha u cioe` kull trailer li jew jidhol jew johrog minn Malta. Ghalkemm ma kienx definit fil-kuntratt, Ace Shipping Limited kellha tiehu l-impjegati kollha li kienu jahdmu ma` Forwarders Limited u li kellhom x` jaqsmu max-xoghol ta` De Haan Internationale Expeditie B.V. Dawn l-impjegati kellhom jithallsu minn Ace Shipping Limited hlief ghall-paga ta` Anton Ferris ghaliex dan kellu jkun meqjus bhala impjegat ta` De Haan Internationale Expeditie B.V. Ghalkemm ma kienx definit fil-ftehim, Ace Shipping Limited kellha tidhol go ufficcju ikbar u ghal dan l-iskop inkera l-fond 110, Cross Road, Marsa b` kera ta` Lm 8,500 fis-sena. De Haan Internationale Expeditie B.V kellha thallas nofs din il-kera, nonostante li kienet Ace Shipping Limited l-inkwilina.

Qal illi fil-bidu Ace Shipping Limited kienet tigbor zewg cheques minghand il-klijenti : wiehed ghan-noll pagabbli lil De Haan Internationale Expeditie B.V ; u iehor ghall-ispejjez lokali relatati mal-garr pagabbli lil Ace Shipping Limited. Dawn ic-cheques kienu jinghataw lil Anton Ferris li kien jiddepozitahom. Jifhem illi c-cheques pagabbli lil De Haan Internationale Expeditie B.V kienu jigu depozitati fil-kont ta` De Haan Transport (Malta) Limited li kienet sussidjarja ta` De Haan Internationale Expeditie B.V. Din il-procedura sabet problema ghaliex Forwarders Limited kienet ghamlet xi kawzi kontra De Haan Internationale Expeditie B.V u anke pprezentat mandati ta` sekwestru. Ghal din ir-raguni, beda johrog cheque wiehed li kien jigi depozitat go kont il-bank fl-isem ta` Ace Shipping Limited. Kien miftiehem illi kull xahar kellu jsir rendikont ta` dak li ghandu jithallas lil Ace Shipping Limited u dak li kellu jithallas lil De Haan Internationale Expeditie B.V. Dan l-esercizzju kien kollu fdat lil Anton Ferris. Ghalkemm Ferris kien jithallas minn De Haan Internationale Expeditie B.V huwa halla f`idejh.

Stqarr illi n-negozju kien miexi tajjeb sakemm fis-6 ta` Jannar 1997, huwa rcieva telefonata minghand Adrian De Haan illi s-socjeta` estera kienet waqqfet l-operat taghha u ddikjarat falliment. Il-konsegwenza ta` dan kienet illi l-agenzija kienet ser tieqaf hesrem. De Haan kien infurmah li dan gara peress li l-Qrati fl-Olanda kienu ordnaw lill-kumpanija sabiex thallas somma kbira ta` flus flimkien ma` imghax wara li nstabet hatja ta` *customs fraud.* Ighid illi huwa ma kienx infurmat li din il-kawza kienet ilha pendenti sa minn snin qabel sar il-ftehim ta` agenzija ma` Ace Shipping Limited. Isostni illi b`ingann u b`malafede, hadd minn min kien prezenti fuq il-kuntratt ma avzah bl-ezistenza ta` l-kawza fl-Olanda jew illi kien hemm xi riskju gravi

ghan-negozju ta` De Haan Internationale Expeditie B.V. Kagun ta` dan , hu u l-familja tieghu garrbu danni ngenti li ma setax jirkupra.

Spjega illi malli De Haan Internationale Expeditie B.V iddikjarat falliment, u n-negozju waqaf hesrem, il-kredituri bdew jersqu ghall-hlas ta` dak li kien dovut lilhom. L-akbar kredituri kienu : Sea Malta, Gollcher, Attrans, Unispeed, Sullivan u SMS. Billi De Haan Internationale Expeditie B.V ma kellhiex prezenza Malta, il-kredituri bdew ifittxu lil Ace Shipping Limited. Intant il-21 impjegat ta` Ace Shipping Limited sabu ruhhom bla xoghol. Ace Shipping Limited kellha tiehu hsieb il-hlas ta` dak kollu li kien dovut lill-impjegati.

Kompla jghid illi Anton Ferris, li kien jamministra l-finanzi, kien ilu assenti ghal ragunijiet ta` sahha. Ghalkemm Ferris kien stqarr illi fis-7 ta` Jannar 1997 huwa kien mar l-ufficcju sabiex jaghlaq l-accounts tal-agenzija, fil-fatt ma kienx korrett. L-accounts saru ghal De Haan Internationale Expeditie B.V. Tant dan huwa hekk illi ma jaghmlux referenza ghall-kont kurrenti ta` Ace Shipping Limited. Beda jigri wara d-debituri sabiex jingabru l-flus li kellhom jithallsu. Fejn kien hemm problema dwar hlas, ingabru biss il-*local charges.* Ghalhekk mhux dejjem ingabar il-freight. Wara li ngabru xi flus dovuti, thallsu xi kredituri ta` l-agenzija inkluzi l-impjegati, it-taxxa, Sea Malta, Gollcher, Attrans, Unispeed, Sullivan, SMS u uhud mill-kredituri li kienu bdew jiehdu passi legali.

Il-konvenut ikkummenta dwar ir-rapport ta` l-Awditur Martin Said liema rapport jikkonkludi li Ace Shipping Limited kellha taghti Lm 152,065 lil De Haan Internationale Expeditie B.V.

Skont il-konvenut, il-konkluzjonijiet tal-Awditur Said huma zbaljati ghas-segwenti ragunijiet :-

a) Paragrafu 4.01 jimplika illi l-impjegati waqfu mix-xoghol b` effett mill-31 ta` Jannar 1997 u li l-ahhar hlas sar dakinhar. Fil-fatt l-impjegati damu sa Marzu 1997 minhabba l-obbligi legali dwar hlas ta` notice periods.

b) Ma qiesx li kien hemm Lm 51,118 li baqghet ma ngabritx u li minn dawk il-flus kien hemm ammonti kbar li kienu flus li harget Ace Shipping Limited ghall-hlas ta` local charges u spejjez ohra relatati mas-

servizzi moghtija lill-klijenti. De Haan Internationale Expeditie B.V kellha tbati parti minn dawn il-flus mhux migbura.

c) Ma jaghti ebda rendikont ta` dak li kienet gabret De Haan Internationale Expeditie B.V minghand il-klijenti saz-zmien in kwistjoni, ossija ta` l-ammonti li skont il-ftehim, De Haan Internationale Expeditie B.V kellha thallas lil Ace Shipping Limited.

d) Ma jqisx il-hlasijiet ta` kera li saru wara 31 ta` Dicembru 1996. Ace Shipping Limited baqghet topera mill-fond wara dik id-data. Certament hallset nofs il-kera tal-1997 fl-ammont ta` Lm 4250.

e) Il-konkluzjonijiet ma jaghtux piz ghall-ispejjez legali kollha li kellha tinkorri Ace Shipping Limited minhabba l-proceduri li nbdew kontra taghha kagun ta` l-falliment ta` De Haan Internationale Expeditie B.V iddikjarat falliment.

Stqarr illi huwa kien mar l-Olanda fi Frar 1997 flimkien ma` l-Av. Carmel Chirop sabiex jiltaqa` mal-likwidaturi ta` De Haan Internationale Expeditie B.V. Fil-laqgha ltaqa` ma` Carl Felix Hamm li infurmah li mill-accounts kien jirrizulta li kien hemm ammonti dovuti lil Ace Shipping Limied. Urieh ukoll xi konteggi. Propju ghalhekk baqa` sorpriz meta ftit xhur wara, dan il-likwidatur ipprezenta din il-kawza.

Fil-**kontroezami**, meta mistoqsi jekk setax jaghti lista tal-pagamenti li rcieviet Ace Shipping Limited u lista tal-kredituri li thallsu minn Ace Shipping Limited, il-konvenut wiegeb illi ma setax jaghmel dan. Dak seta` jaghmlu Anton Ferris. L-uniku dhul li kellha Ace kien mill-*local charges* u mill-*commission.* Huwa qatt ma kien jindahal lil Anton Ferris billi dan kien impjegat ta` De Haan Internationale Expeditie B.V,. u kien jithallas minn Ace Shipping Limited bi flus li kienet tohrog De Haan Internationale Expeditie B.V.

**Paul Aquilina** mill-ETC ipprezenta dokument li jaghti informazzjoni relatata mat-terminazzjoni tal-impieg ta` l-impjegati kollha ta` Ace Shipping Limited wara l-1 ta` Jannar 1997. F`bosta mill-kazi ma kenitx moghtija r-raguni ghat-terminazzjoni ta` l-impieg. Il-formoli tat-terminazzjoni jigu ffirmati mill-principal.

**John Zammit** xehed illi huwa kien l-awditur ta` Ace Shipping Limited. Fl-2002 Saviour Mifsud tah l-inkariku li jaghmel l-*audit* li huwa esebit a fol 85. Saret it-talba billi Mifsud kellu xi problemi l-Qorti. Ikkonferma li pprepara d-dokumenti esebiti bhala MS1 u MS2 a fol 192 tal-process. Ighid illi huwa kellu jipprovdi dokumentazzjoni u informazzjoni li beda jitlob l-Awditur Martin Said. Biex jespleta l-inkariku kien inghata, huwa kien imur l-ufficcju ta` Ace Shipping Limited u jara d-dokumenti tal-kumpannija. Il-figuri li kien hemm fid-Dok MS1 kienu jirriflettu s-sitwazzjoni fil-31 ta` Dicembru 1996 u l-ammonti ndikati kienu bbazati fuq *accrued basis*, ossija bl-assunzjoni li jingabru l-flus dovuti. Fid-Dok MS2, hemm imnizzel li kien hemm xi flus li ngabru wara l-31 ta` Dicembru 1996, u li sat-23 ta` Lulju 1997, kienu ingarbru xi Lm 90,000 ohra.

Ikkonferma li fl-1997, il-kumpannija waqfet topera ghal kollox. Mid-dokumenti rrizulta li dak li kienet qed taghmel kien limitat ghal li tigbor il-flus dovuti u li thallas lill-kredituri. Qal illi ma jafx kienx hemm kredituri li thallsu wara l-31 ta` Dicembru 1996 izda jassumi li sabiex Mifsud seta` jkompli jahdem, kellu jhallas lil certu kredituri. Meqjusa l-pagamenti li saru lill-kredituri wara l-31 ta` Dicembru 1996, il-kalkolu jinbidel sostanzjalment. Huwa ma sab evidenza li kienu wzati flus minn direttur ghal skopijiet li ma kinux tan-negozju tal-kumpannija.

Fil-**kontroezami**, huwa fisser illi hafna mill-ammont ta` Lm 152,000 kienu flus li Ace Shipping Limited kellha tirkupra. Biex ghamel l-ezercizzju mitlub minnu, huwa kellu a disposizzjoni tieghu *trial balances*, lista tal-kredituri u debituri, kif ukoll *ledgers* u dokumenti ohra. Dawn id-dokumenti waslu ghandu fl-2002. Kien infurmat illi Ace Shipping Limited kienet ghaddejja minn procedura ta` stralc.

**Av Dr Carmel Chircop** xehed li fl-1995 huwa kien l-avukat ta` fiduzja ta` Ace Shipping Limited u ta` Saviour Mifsud. Huwa kien involut fil-ftehim li ghamlet Ace Shipping Limited ma` De Haan Internationale Expeditie B.V, esebit a fol 223 tal-process. Jiftakar kien is-Sibt u saru diversi negozjati ma` De Haan kif ukoll ma` l-avukat tieghu Dr Victor Ragonesi. Il-ftehim sar dakinhar. Fl-ebda hin ma ssemma li kien hemm xi proceduri legali pendenti barra minn Malta kontra l-kumpannija De Haan Internationale Expeditie B.V. Lanqas Mifsud ma kien jaf ghaliex li kieku kien jaf kien jaccenna ghal dan waqt it-trattativi. Huwa kien ma` Saviour Mifsud meta dan ircieva telefonata minghand De Haan Internationale Expeditie B.V fejn kien infurmat illi l-operazzjonijiet tat-trasport lejn Malta kellhom jieqfu minhabba multa kbira li kienet wehlet il-kumpannija barra.

Kien hemm komplikazzjonijiet kbar dwar xi trailers li kellhom De Haan Internationale Expeditie B.V go Malta ghax irrizulta li uhud kienu jinkrew minghand terzi u qamet kwistjoni dwar min kien is-sid ta` dawn it-trailers.

Kompla jixhed illi nqalghu problemi kbar peress li kien hemm hafna fabbriki li kienu jahdmu ma` De Haan Internationale Expeditie B.V u kellhom trailer ibbukkjat. Spjega li Ace Shipping Limited ma setghetx twaqqaf l-operazzjonijiet taghha bil-biza` li l-klijenti malli jaraw li De Haan Internationale Expeditie B.V mhux ser tahdem ma jhallsux l-ammonti li kellhom ihallsu. Kien hemm kumplikazzjonijiet ohra peress li kellhom l-ewwel jingabru flus minghand il-klijenti sabiex jithallsu minnhom Gollcher u Sea Malta. Dawn il-kumplikazzjonijiet kollha kienet qed tiehu hsiebhom Ace Shipping Limited. Inholqot problema dwar ix-xufiera li kienu jitqabbdu minn De Haan Internationale Expeditie B.V biex isuqu t-trailers, peress li x-xufiera daru fuq Ace Shipping Limited ghall-hlas wara li sabu li De Haan Internationale Expeditie B.V ma kenitx ser thallashom.

Stqarr illi Ace Shipping Limited kienet giet kostitwita specifikament ghax-xoghol ta` De Haan Internationale Expeditie B.V. Li kien jigri kien li Ace Shipping Limited kienet tibghat l-invoice lill-klijenti lokali, kienet imbaghad taqta` l-parti li kienet dovuta lilha bhala agent, u l-bqija kien jintbaghat lil De Haan Internationale Expeditie B.V. Peress li l-invoice kienet tohrog fuq Ace Shipping Limited, kulhadd beda jippretendi li jithallas minghand Ace Shipping Limited. Saviour Mifsud beda jdur ukoll fuq klijenti biex jigbor il-flus dovuti lil Ace Shipping izda mhux kull debitur kien f`qaghda li jhallas il-bilanc kollu dovut f`daqqa. Mill-hlasijiet li rceviet Ace Shipping Limited, thallsu Sea Malta, Gollcher, u parti mix-xufiera. De Haan Internationale Expeditie B.V kienet tkun infurmata b`dawn il-pagamenti.

Qal illi kien mar ma` Saviour Mifsud l-Olanda fejn kienu ltaqghu mal-likwidatur Felix Vim Antonius Haam. Dan kien ikkonferma li Ace Shipping Limited kellha ammont dovut lilha min-naha ta` De Haan Internationale Expeditie B.V. Il-likwidatur qalilhom li xogholu kien li jigbor il-flus u mhux li jhallas. Dwar il-problemi tat-trailers, kien mar wiehed mis-sidien tat-trailers biex jiehu t-trailers lura u x-xufiera kienu rrifjutaw li jsir hekk qabel ma` jithallsu. Per konsegwenza, sar ftehim fejn parti mit-trailers jittiehdu mis-sid u parti ohra jinzammu mix-xufiera bhala kumpens ta` l-ammont li kellhom jiehdu ghas-servizz taghhom. Dan kollu sar fl-interess ta` De Haan Internationale Expeditie B.V. Insista li Ace Shipping Limited dejjem ghamlitha cara li qed jagixxi fl-interess ta` De Haan Internationale Expeditie B.V. Tant hu hekk li t-trailers kien ikollhom miktub fuqhom De Haan

Internationale Expeditie B.V. Kien hemm certi klijenti li De Haan kien jigi apozitament Malta u jittratta maghhom direttament.

Fil-**kontroezami**, ikkonferma li kien jaf bl-ezistenza ta` Ace Freighters Limited izda ghax-xoghol ta` De Haan Internationale Expeditie B.V kienet saret kumpannija ad hoc bl-isem ta` Ace Shipping Limited. Qal illi ma jiftakarx jekk kienx hemm korrispondenza skambjata mal-likwidatur Haam. Ma` dan ma kienx hemm korrispondeza dwar hlasijiet izda ma` De Haan Internationale Expeditie B.V kien hemm u kien jigi aggornat tramite Mifsud jew Anton Ferris. De Haan kien jaf x`inhu ghaddej dwar pagamenti tramite Mifsud jew Ferris. Ikkonferma li l-flus li kien hemm fil-kont ta` Ace Shipping Limited ma kinux jappartjenu kollha lil Ace Shipping Limited izda kienu hemm minnhom ta` De Haan Internationale Expeditie B.V, li ma setax ikollu kont bankarju minhabba mandate li kienu saru kontra taghha mill-agent Malti precedenti. L-awditur Martin Said ma kkunsidrax il-hlasijiet li ghamlet Ace Shipping Limited lil dawk il-persuni li kellhom jithallsu minghand De Haan Internationale Expeditie B.V. Mifsud dejjem kien jghidlu li qed jara x` jista` jigbor mill-krredituri sabiex ihallas id-djun. Mistoqsi jekk sabx xi dokumenti fil-file tieghu dwar din il-vertenza, huwa qal li ma sab xejn.

## III. L-ewwel eccezzjoni

Skont il-kuntratt ta` agenzija tal-11 ta` Gunju 1995 (fol 223 u 224) jirrizulta li r-rabta kontrattwali kienet bejn is-socjeta` konvenuta Ace Shipping Limited u De Haan Internationale Expeditie B.V.

Fl-ebda waqt tal-kawza, ma tressqet prova dwar x`relazzjoni seta` kien hemm bejn is-socjetajiet attrici l-ohra u s-socjeta` konvenuta.

Dawn is-socjetajiet attrici ma taw l-ebda spjegazzjoni ta` kif spiccaw involuti fil-kawza tal-lum u r-ragunijiet ghalfejn saru atturi fil-kawza.

Ghandu jinghad illi skont ma xehdu Saviour Mifsud u Anton Ferris jidher illi ghal xi zmien kien isir depozitu f`kont bankarju ntestat lil De Haan Transport (Malta) Limited fir-rigward ta` negozju li kien isir tramite in l-agenzija.

Hija l-fehma tal-Qorti illi l-ewwel eccezzjoni ghandha tkun milqugha limitatament fil-konfront tas-socjetajiet attrici : De Haan Verhuizingen B.V. ; u De Haan Materieel B.V..

## IV. It-tielet eccezzjoni

Fil-mori ta` din il-kawza, il-kawza citata fl-eccezzjoni u cioe` dik fl-ismijiet *De Haan Transport (Malta) Limited et vs Ace Shipping Limited (Citaz. Nru. 147/98 AL)* kienet deciza.

In vista ta` dan il-fatt, il-Qorti mhijiex sejra taghti aktar konsiderazzjoni lil din l-eccezzjoni.

## V. Ir-raba` eccezzjoni

Il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` din l-eccezzjoni stante li din giet superata bil-fatt illi l-kawza bin-nru. Rik. Gur. Nru. 713/2007 thalliet *sine die* riappuntabbli wara talba b`rikors fi zmien xahar minn meta l-kawza tal-lum tghaddi in gudikat.

## VI. Is-sitt eccezzjoni

Bis-sitt eccezzjoni kienet eccepita n-nullita` tan-notifika tas-socjeta` konvenuta bir-rikors guramentat. Ladarba r-risposta guramentata kienet prezentata mit-tliet konvenuti flimkien fit-terminu prefiss mil-ligi, u ladarba fil-kors tal-kawza ma qamet l-ebda kwistjoni dwar il-legittimita` tad-difiza tas-socjeta` konvenuta fis-sens illi ma kien qatt disputat il-jedd taghha li tiddefendi ruhha kontra l-azzjoni attrici, din il-Qorti sejra ma tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt eccezzjoni.

## VII. L-ewwel talba

Irrizulta li l-atturi kienu pprezentaw kawza bin-nru. 147/1998 kontra s-socjeta` konvenuta sabiex din taghti rendikont fidil, gust u legali ghaz-zmien kollu li fih espletat l-attivita` ta` agent jew ghamlet xoghol ta` agenzija.

Fil-kawza in kwistjoni kien inhatar l-awditur Martin Said bhala perit t komputista sabiex jezamina l-kotba tas-socjeta` konvenuta u jara jekk din ircevietx hlasijiet fl-isem tas-socjetajiet atturi jew jekk ghamlitx xi pagamenti ghan-nom tal-istess fiz-zmien ta` bejn Ottubru 1996 u l-31 ta` Dicembru 1998.

Fit-8 ta` Marzu 2005, il-perit komputista pprezenta relazzjoni (a fol 43) fejn jikkonkludi li l-atturi kellhom jircievu s-somma ta` Lm 148,741.

Ighid il-perit komputista :-

*"Although I have tried to simplify the contents of this report, which I could not compile without accepting representations made and documents provided by Mr John Zammit, the auditor of Ace Shipping Limited, for which I thank him, my assessment is as follows :*

*Subject to quantifications of potential claims as discussed in paragraphs 5 and 6 of this report and subject to possible claims to be made by plaintiffs in respect of matters which are unknown to defendants at this stage of the proceedings and have therefore not bee made known to me, subsequent to 31 December 1996 the balance due to De Haan Internationale Expeditie B.V Group has increased from Lm 54,118 to Lm 148,741."*

Waqt l-eskussjoni tal-perit komputista li saret fil-kawza bin-nru. 147/1998 (fol 180), l-awditur Said ikkonferma l-konkluzzjoni tieghu illi Ace Shipping Limited ghandha taghti Lm 148,741 lil De Haan Internationale Expeditie B.V. U wasal ghal din il-figura abbazi tad-dokumentazzjoni li waslet ghandu minghand l-awditur ta` s-socjeta` konvenuta.

Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Marzu 2013 fil-kawza bin-nru. 147/1998, il-Qorti rrilevat :-

*"Illi skont ir-relazzjoni tal-espert komputista li din il-Qorti m` ghandha l-ebda raguni ghalfejn ma tabbraccjax, jirrizulta minn ezami tad-dokumentazzjoni kopjuza minnu ezaminata, li effettivament mhux biss is-socjeta` konvenuta naqset li tottempora ruhha mal-obbligu kontrattwali fuq indikat li tipprezenta rezokont affidabbli skont is-sengha u l-arti, izda aktar minn hekk naqset li thallas l-ammonti pattwiti ghall-agenzija taghha ;*

*Illi l-ammont dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjetajiet atturi gie kristallizzat mill-istess espert komputista fl-ammont ta` mija u tmienja u erbghin elf, sebgha mija u wiehed u erbghin Lira Maltin (Lm 148,741) li addirittura jista` wkoll ikun aktar kif jixhed l-istess espert.*

*Illi kif gie rietnut aktar qabel, din il-Qorti m` ghandhiex ghaliex ma takkoljix il-konkluzzjonijiet tal-istess espert komputista u ghalhekk qed taghmilhom taghha."*

Il-Qorti tinnota wkoll li fix-xiehda moghtija minn Anton Ferris kemm fil-kawza tal-lum, kif ukoll fil-kawza bin-nru. 147/1998 (ara Dok X1 a fol 154 et seq) jirrizulta li fl-ahhar tal-1996 kien hemm ammont dovut minn Ace Shipping Limited lil De Haan Internationale Expeditie B.V ta` circa Lm 54,000 liema somma mbaghad telghet ghal circa Lm 155,000.

Da parti taghhom, l-argument tal-konvenuti huwa fis-sens illi l-figura li tirrizulta fir-rapport peritali kienet relatata maz-zmien tal-21 ta` Jannar 1997. Inghad illi l-perit komputista naqas illi jiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi ghal diversi xhur wara dik id-data, il-konvenuti baqghu ghaddejjin bil-gbir ta` flus u hlas ta` kredituri, u baqghu jinkorru spejjez li skont il-ftehim kienet responsabbli ghalihom De Haan Internationale Expeditie B.V.

Dwar dan l-argument, il-Qorti mhijiex sodisfatta li l-konvenuti ressqu provi sodisfacenti sabiex isostnu l-allegazzjonijiet taghhom.

Infatti meta l-Qorti stess staqsiet lil Saviour Mifsud sabiex jaghti rendikont ta` dawk il-gbir tal-flus li rnexxielu jigbor wara Jannar 1997, kif ukoll jaghti lista ta` hlasijiet li ghamel lill-kredituri wara Jannar 1997, Mifsud stqarr illi ma kellux dik l-informazzjoni ghaliex dak it-taghrif kien ghand Anton Ferris.

Fuq il-provi li tqeghdu ghad-disposizzjoni tal-Qorti, il-kontenzjoni tal-konvenuti mhijiex konfortata minn provi oggettivi u dokumentati.

Fl-affidavit tieghu, Saviour Mifsud jittenta jaghmel kritika tar-rapport tal-perit komputista. Pero` anke hawn Saviour Mifsud ma jmurx oltre l-allegazzjoni.

Isostni li r-rapport hareg *on an accrual basis* u ghalhekk jassumi li d-debiti kollha kienu ser jithallsu. Madankollu ma tressqitx prova li tassew kien hemm somma ta` Lm 51,118 li baqghet ma ngabritx.

Ighid illi r-rapport ma jsemmix u ma jaghti l-ebda rendikont ta` dak li kienet thallset De Haan Internationale Expeditie B.V minghand il-klijenti saz-zmien in kwistjoni, ammonti li De Haan Internationale Expeditie B.V kellha thallas lil Ace Shipping Limited.

Ghal darb`ohra ma tressqux provi sodisfacjenti oltre dak mistqarr a voce mil-likwidatur fl-Olanda lil Saviour Mifsud u l-Av. Carmel Chircop illi l-likwidatur kien jaf illi De Haan Internationale Expeditie B.V. kellha taghti lil Ace Shipping Limited.

Issib stramba tassew l-imgieba ta` Saviour Mifsud u tal-Av. Carmel Chircop li dak il-hin stess ma jinsistux mal-likwidatur illi jikkonferma bil-miktub id-dikjarazzjoni li kien qed jaghmel. Del resto huma marru l-Olanda specifikament sabiex jiltaqghu mal-likwidatur meta l-inkwiet kien diga` maghruf u meta suppost kellhom l-interess primarju li jharsu l-posizzjoni ta` Ace Shipping Limited. Il-laqgha mal-likwidatur ma kenitx xi zjara ta` kortesija izda kienet inkontru ppjanat bi skop.

Ghal din il-Qorti l-prova ta` dak mistqarr a voce mil-likwidatur mhijiex affidabbli.

Tajjeb jinghad ukoll illi l-likwidatur baqa` fil-kawza u propju xejn ma kien izomm lill-konvenuti illi jinsistu fuq id-deposizzjoni tieghu viva voce quddiem din il-Qorti. Din kienet mankanza ohra tal-konvenuti.

Saviour Mifsud igib l-argument illi l-konkluzjoni tal-perit komputista ma tiehux konsiderazzjoni ghall-hlasijiet tal-kera li saru wara 31 ta` Dicembru 1996. Ghal darb` ohra, ma ngabet l-ebda prova li (i) verament thallset kera wara Dicembru 1996, (ii) ghal kemm zmien baqghet tithallas u (iii) evidenza illi tassew il-kera kienet tithallas nofs bin-nofs bejn De Haan Internationale Expeditie B.V u Ace Shipping Limited.

Saviour Mifsud jsostni illi r-rapport tal-perit komputista lanqas ma jiehu kont ta` l-ispejjez legali kollha li allegatament garrbet Ace Shipping lImited minhabba l-proceduri legali kollha li nbdew kontriha wara li De Haan Internationale Expeditie B.V iddikjarat falliment. Lanqas dwar dan il-Qorti m`ghandha prova.

Il-Qorti ma tistax tistrieh fuq allegazzjonijiet mhux korraborati.

Apparti l-karenza ta` provi mill-konvenuti li jaghtu sostenn ghal dak allegat minnhom, il-Qorti tinnota wkoll illi Ace Shipping Limited baqghet ma pprezentatx rendikont hekk kif ordnat lilha bis-sentenza fil-kawza Rik. Gur. Nru. 147/1998. Kellha l-opportunita` li b`dak ir-rendikont taghti stampa cara u konklussiva korraborata b`dokumenti, inkluzi kotba tal-kummerc, dwar il-pendenzi taghha ma` De Haan Internationale Expeditie B.V. Madanakollu, dan ma sarx minkejja li kellha zmien xahrejn mill-11 ta` Gunju 2013 sabiex tipprezenta r-rendikont mehtieg u tottempera ruhha (fol 479).

Barra minn hekk, meta fil-mori ta` din il-kawza, wara talba tal-atturi, is-socjeta` konvenuta ntalbet tipprezenta l-kotba tal-kummerc, dawn baqghu ma gewx ezebiti (ara verbal tat-23 ta` Frar 2010).

Il-Qorti hadet konjizzjoni tas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet *"Angelo Carabott vs Avv Dr Victor Ragonesi"* li l-atti taghha kienu allegati mal-kawza tal-lum.

Skont din is-sentenza, kien ordnat illi l-attur jithallas in parte minn Ace Shipping Limited u in parte minn De Haan Internationale Expedite B.V. Madanakollu, din il-Qorti m`ghandhiex prova li jorbot dan il-kreditu ma` dak li saret referenza ghalih fir-rapport tal-perit komputista ; dan aktar u aktar meta lanqas l-ammonti ma jaqblu. B`zieda ma` dan, u ta` aktar importanza,

il-Qorti m`ghandhiex prova li effettivament Ace Shipping Limited hallset id-debitu spettanti minnha skont is-sentenza. Kien jinkombi fuq is-socjeta` konvenuta illi tressaq dik il-prova jew billi tesebixxi xi tip ta` rcevuta jew billi tressaq bhala xhud lill-attur jew lill-aventi kawza tieghu. Ghalhekk il-Qorti hija sprovvista minn provi car u inekwivoci tal-allegazzjonijiet li gabet is-socjeta` konvenuta illi l-kalkoli tal-perit komputista Martin Said (li kienu korraborati minn Anton Ferris u minn John Zammit, kienu b`xi mod skorretti.

**Fl-isfond tal-fatti u cirkostanzi premessi, anke din il-Qorti sejra toqghod fuq il-konkuzjonijiet tal-perit komputista fil-kawza bin-nru 147/1998.**

**Ghalhekk sejra tiddisponi mill-ewwel talba billi tiddikjara li hija dovuta s-somma ta` Lm 148,741.**

Dwar il-hlas tal-imghax, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) tat-3 ta` Ottubru 2002 fil-kawza "**<u>Muscat et vs Radmilli et</u>**". Hekk inghad :-

*"Il-ligi tghid car li fejn l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta` somma flus determinata, id-danni li jigu mid-dewmien tal-ezekuzzjoni ta` dik l-obbligazzjoni jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq l-imsemmija somma mahduma bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena, li jkunu dovuti bla ma jkun hemm ghalfejn li l-kreditur jipprova li bata xi telf minhabba d-dewmien … .**Jekk wiehed iqis li l-obbligazzjoni mehuda mill-imharrkin kienet wahda ta` natura kummercjali, allura jista` jinghad ukoll li l-imghaxijiet jibdew jghaddu ipso jure bla htiega ta` talba ghalihom b`att gudizzjarju, u b`effett minn dak inhar li l-obbligazzjoni kellha titwettaq**"*

L-**<u>Art 1141(1) tal-Kap 16</u>** jaqra :-

*"Jekk l-obbligazzjoni tkun ta` xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita."*

Fil-kaz ta` obbligazzjoni kummercjali, ma hemmx bzonn ta` ebda interpellazzjoni biex jiddekorri l-imghax. Il-fatt li jghaddi z-zmien hu bizzejjed biex id-debitur ikun moruz u ghalhekk l-imghax jiddekorri *ipso jure* mill-jum li fih l-obbligazzjoni messha giet finalizzata ("**Cilia vs Cuschieri**" Appell Superjuri Civili : 12 ta` Novembru, 1948 : Kollez. Vol. XXXIII-1-356). Fil-kaz ta` dejn kummercjali, l-imghax jibda jiddekorri mid-data ta` meta jimmatura ghalkemm hemm usanza ta` estensjoni ("**Parienti vs Camilleri**" - Appell Superjuri Civili - 17 ta` Jannar 1912 – mhux pubblikata). Tali usanza tista` titbiddel fil-kaz li l-partijiet ikunu ilhom jinnegozjaw ma` xulxin u hadd minnhom ma jkun talab imghax. Fl-operazzjonijiet kummercjali l-imghax huwa dovut bil-ligi, u meta ma hemmx dilazzjoni ghall-hlas, l-imghax huwa dovut mill-gurnata tal-fattura ("**Torrano vs Theuma**" – 10 ta` Dicembru 1935 – Qorti tal-Kummerc – Kollez. Vol. XXIX-III-192).

Dan premess, il-kaz tal-lum ma kienx ippruvat x`kienu d-dati ta` t-twettieq ta` l-obbligazzjoni. F`dan il-kaz, kien hemm transazzjonijiet varji, u kien biss wara li kienu maghrufa l-konkluzjonijiet tal-perit komputista illi saret il-likwidazzjoni tal-ammont dovut minn Ace Shipping Limited lil De Haan Internationale Expeditie B.V.

Ghalhekk il-Qorti sejra tapplika l-insenjamenti naxxenti mill-gurisprudenza fil-kazi fejn talba b`ammont determinat jigi ridott mill-Qorti fis-sentenza taghha.

Tirreferi ghas-sentenza taghha tat-28 ta` Jannar 2016 fil-kawza "**Safe Trading Company Ltd vs France Bonavia**" fejn inghad :

*"Dwar il-kwistjoni tal-imghax, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Frar 2001 fil-kawza "**Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs James Gollcher nomine et**". Hemm inghad illi l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza fil-kaz li l-ammont likwidat mill-Qorti jkun ferm anqas mill-ammont mitlub fic-citazzjoni.*

*Inghad hekk :-*

*'L-uniku aggravju tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited, li din il-Qorti ssib gustifikat huwa dak fir-rigward tal-interessi. Is-socjeta` tissottometti illi una volta l-ammonti likwidati mill-ewwel Qorti kienu ferm anqas minn dawn mitluba, kwalunkwe interessi kellhom jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata u mhux min-notifika tal-att tac-citazzjoni. Dana a bazi*

*ta` diversi sentenzi fosthom "**Noel Ellul vs James Gollcher**" tas-27 ta` Novembru 1996 (KM 1273/72).*

*Din il-Qorti taqbel ma` dan l-aggravju anki ghaliex hi tal-fehma illi una volta jkun stabbilit illi d-dokumenti portwali kienu attendibbili u l-kaz tas-socjeta` attrici kien jiddependi fuqhom, hi kienet, sa minn qabel ma pprezentat l-att tac-citazzjoni, f`pozizzjoni li tiddetermina x`kien l-ammont ta` danni li setghet tirriklama a bazi ta` dawn id-dokumenti.*

*Una volta l-ewwel Qorti waslet ghall-konvinciment, ukoll kondiviz minn dina l-Qorti, li ma jidhriliex li kellha tiddisturba l-apprezzament taghha, illi ma kellhiex tikkunsidra danni ohra mhux inkluzi f`dawn id-dokumenti portwali, tohrog wehidha l-konkluzjoni illi l-ammont kanonnizzat fis-sentenza appellata u kif likwidat f`dawn il-proceduri hu ferm `il boghod minn dak mitlub fit-talba attrici. Dana apparti l-konsiderazzjoni li din il-Qorti ghamlet fir-rigward tas-survey fees li wkoll notevolment ivarjaw f`somma pretiza mis-socjeta` attrici u li accentwaw l-element tal-likwidazzjoni fil-prezenti procedura.*

*Kien xieraq ghalhekk illi l-imghax jibdew jiddekorru mid-data tal-ewwel sentenza. Naturalment mhux mid-data ta` din is-sentenza billi biha xejn ma kien qed jigi varjat mid-decide tal-mertu fis-sentenza appellata.'*

*Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta` Frar 2003 fil-kawza "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Paul Tabone**" inghad illi meta avviz jikkontjeni talba specifika ghal somma determinata, jibda jiddekorri l-imghax fuq tali somma u l-fatt li l-Qorti tkun irriduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma hekk ridotta.*

*Fl-ispecifiku inghad hekk :*

*'Fuq l-aggravju ta` l-interessi u d-dekorriment taghhom il- Qorti tinnota li fil-korp ta` l-avviz l-atturi talbu somma determinata u specifika. Jirrizulta li l-atturi nterpellaw gudizzjarjament lill-konvenut ghall-hlas taghha in sodisfazzjoni tad-danni pretizi. Dan jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattratta l-interessi ("**O`Connor – vs- Bruno Olivier**" a Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-Qorti hawn ma llikwidat l-ebda ammont li kapaci tiggustifika lill-konvenut jappilja mal-massima "in illiquidis non fit mora". Kienet ghalhekk ghal kollox korretta l-ewwel Qorti meta pprovdiet li l-imghaxijiet legali jibdew jghaddu minn Lulju 1999.'*

*Issir ukoll riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fil-5 ta` Marzu, 2003 fil-kawza "**Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe**". Hemm inghad illi l- mghaxijiet fuq dejn civili ghandhom jghaddu minn dakinhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju. Inghad ukoll illi sabiex jiddekorru limghaxijiet, l-interpellazzjoni trid tkun wahda specifika ghall-hlas ta` ammont ta` flus u mhux semplici ntimazzjoni lid-debitur sabiex iwettaq l-obbligi kontrattwali tieghu.*

*Fl-ispecifiku inghad hekk :-*

*' ... kif jinsab stabbilit fl-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili "l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dak inhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju". B`aktar precizazzjoni jinsab ritenut illi "per far decorrere gli nteressi deve essere una interpellazione specifica pel pagamento dei lucre e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione" ("**O`Connor –vs- Bruno Olivier**", Vol XVI pI p84).'*

*Il-Qorti ssib illi fil-kaz tal-lum l-interpellazzjoni ghall-hlas ta` l-ammont ta` €16,804 saret permezz ta` ittra ufficjali pprezentata fil-15 ta` Settembru 2011. Mhux kontestat li dan l-att gudizzjarju kien notifikat lill-konvenut.*

*Wara li hadet kont tal-gurisprudenza citata, il-Qorti tirrileva illi billi l-ammont originarjament mitlub mis-socjeta` attrici qieghed ikun ridott bi ftit inqas minn hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) li, il-fehma ta` din il-Qorti, ma jikkwalifikax bhala ftit, u dan wara process ta` likwidazzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li l-imghax legali ghandu jiddekorri b`effett mil-lum.'*

**In linea ma` din il-gurisprudenza, il-Qorti hija tal-fehma li fuq l-ammont likwidat skont l-ewwel talba, ghandu jiddekorri l-imghax legali b`effett mill-15 ta` Novembru 2007 i.e. data tan-notifika tar-rikors guramentat.**

## VIII. <u>It-tieni talba</u>

<u>**L-Art 315(1) tal-Kap 386**</u> jaqra :-

*Jekk waqt l-istralc ta` kumpannija sew jekk b`ordni tal-qorti jew volontarjament ikun jidher li xi negozju tal-kumpannija jkun tmexxa bil-ħsieb ta` frodi ta` kredituri tal-kumpannija jew ta` kredituri ta` xi persuna oħra jew bil-għan ta` frodi, il-qorti tista` fuq rikors tar-ricevitur ufficjali, jew tal-*

*istralcjarju jew ta` xi kreditur jew ta` xi kontributorju tal-kumpannija, jekk jidhrilha xieraq li tagħmel hekk, tiddikjara li xi persuni li xjentement kienu partijiet fit-tmexxija tan-negozju bil-mod qabel imsemmi tkun responsabbli personalment, mingħajr ebda limitazzjoni ta` responsabbiltà għal kull jew għal xi dejn jew responsabbiltajiet oħra tal-kumpannija kif il-qorti tista` tordna.*

Kif ikkonfermat il-gurisprudenza, l-applikazzjoni ta` din id-disposizzjoni tiskatta meta kumpannija tkun fi stat ta` stralc.

Fil-kawza "**Victor Borg Barthet vs Carnik Construction Limited et**" li kienet deciza minn din il-Qorti fid-9 ta` Gunju 2011, il-kreditur tal-kumpannija Carnik Construction Limited talab ix-xoljiment u l-istralc taghha (l-ewwel u t-tieni talbiet), u talab l-applikazzjoni tal-Art 315 u 316 tal-Kap 386 fil-konfront tad-diretturi tal-istess socjeta` (it-tielet u r-raba` talbiet). Il-Qorti kienet cara fis-sens illi setghet tghaddi biex tqis dawk it-talbiet li kienu msejsa fuq l-Art 315 u 316 tal-Kap 386 fil-kaz li tintlaqa` t-talba ghax-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija. Inghad -

*"Jekk dawn iz-zewg talbiet jigu milqugha, allura din il-Qorti tkun tista` tqis it-tielet u r-raba` talbiet. Jekk l-ewwel talbiet jigu michuda, ma jkunx hemm lok li tghaddi ghall-konsiderazzjoni tat-tielet u tar-raba` talbiet tar-rikorrent …*

*ma tistax tqis it-talbiet tar-rikorrent ghax-xoljiment u ghall-istralc tal-kumpannija intimata skond l-Art.214(2)(a)(ii) tal-Kap.386.*

*L-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent qeghdin ghalhekk jigu michuda. Konsegwentement ikollhom jigu michuda wkoll it-tielet u r-raba` talbiet tar-rikorrent li - ghax huma bazati fuq l-Art.315 u 316 tal-Kap.386 - sabiex jinghataw konsiderazzjoni, kumpannija **mhux biss trid tkun xjolta, izda trid tkun giet stralcjata.**"* (enfazi mizjud)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/TM**) tat-12 ta` Ottubru 2007 fil-kawza "**Valle Del Miele Limited vs Wallace Fino et"** inghad illi sabiex jigu applikati l-Art 315 u 316 tal-Kap 386, socjeta` trid tkun fi process ta` stralc :-

*"Il-ligi tal-kumpaniji, pero`, ma tipprovdix ghall-kaz ta` responsabbilita` illimitata tal-azjonisti jekk mhux fil-kaz ta` fraudulent jew*

*wrongful trading. Fil-fatt dak li qed tallega s-socjeta` attrici jista` jinkwadra ruhu taht fraudulent jew wrongful trading, u dana peress li qed tallega li d-diretturi tal-kumpanija ghamlu zmien joperaw meta kellhom kumulu ta` debiti li kienu jafu li ma setghux ihallsu.*

*Ghalkemm l-agir lamentat jista` jwassal ghal dikjarazzjoni ta` responsabilita` personali tad-diretturi, tali responsabilita` personali tista` tigi dikjarata biss waqt li l-kumpanija tkun fi process ta` stralc, u dana a tenur talartikolu 315 u 316 tal-imsemmi Kap. 386. Il-ligi tal-kumpaniji, li hi ligi specjali li tirregola l-kumpaniji u l-ufficcjali taghha, ma tipprovdix rimedji ohra kontra allegat abbuz tad-diretturi, u meta istitut hu regolat b`ligi specjali, mhux lecitu li ssir riferenza ghal xi principju generali tad-dritt. Hu minnu li, b`mod generali, minn jabbuza bid-drittijiet moghtija lilu jista` jkun passibbli ghal danni, izda meta istitut hu regolat b`ligi specjali, hi biss dik il-ligi li ghandha tigi kkunsidrata ghal-fini ta` responsabilita` tal-partijiet u tar-rimedji moghtija – "specialia generalibus derogant" (ara, fil-kaz tal-istitut tal-bejgh, l-applikazzjoni ta` dan l-istess principju fil-kawza* ***"Scifo Diamantino vs Meridian Enterprises Co. Ltd"****, deciza minn din il-Qorti fit-13 ta` Frar, 2003). F`dan il-kaz, il-ligi specjali rregolat kif u meta diretturi jistghu jinstabu responsabbli personalment ghad-djun tal-kumpanija taghhom, u hi biss fil-limiti ta` dak provdut f`dik il-ligi specjali li r-rimedji jridu jinstabu.*

*Din il-Qorti gia ittrattat dan il-punt fil-kawzi* ***"Theuma vs Cachia"****, deciza fl-14 ta` Ottubru, 2004, u* ***"Hi-Timber Co. Ltd vs Baldacchino et"****, deciza fil-15 ta` Dicembru, 2005, u gie osservat li, fil-waqt li l-att tal-1995 Dwar il-Kumpaniji (Kap. 386) jaghti rimedju kontra agir abbuziv jew "hazin" tad-diretturi, dan irid jintalab fil-kuntest ta` proceduri ta` stralc kontra l-kumpanija. Fil-kawza deciza l-ahhar din il- Qorti kienet ghamlet dawn l-osservazzjonijiet :*

*"Fil-fatt l-artikolu 316 jiddisponi illi l-Qorti tista` taghmel dikjarazzjoni ta` responsabilita` personali, minghajr ebda limitazzjoni, "meta kumpanija tkun giet xolta u tkun insolventi u jkun jidher li persuna li kienet direttur tal-kumpanija kienet taf, jew kellha tkun taf qabel ix-xoljiment tal-kumpanija, li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpanija setghet tevita x-xoljiment minhabba l-insolvenza taghha". Hekk ukoll hija l-posizzjoni fl-Ingilterra minn fejn ahna adattajna l-ligi l-gdida dwar il-kumpaniji.*

*Fil-ktieb "Farrar`s Company Law" (Edit. 1998 pag. 739) jinghad li biex direttur jinsab responsabbli ta` "wrongful trading" :*

*"The conditions are that the company has gone into insolvent liquidation, and it appears that the company continued trading after a point*

*in time before the commencement of the winding up when the director knew or ought to have concluded that there was no reasonable prospect that the company would avoid going into insolvent liquidation" ;*

*… Fin-nuqqas ta` talba ghal istralc, il-Qorti, pero`, ma tistax tipprocedib`dan il-mod mitlub. Dan kollu japplika wkoll ghal dan il-kaz. L-awtrici Brenda Hannigan fil-ktieb taghha "Company Law" (Butterworths Edit. 2003) tesprimi l-istess opinjoni. Hi tibda it-trattat taghha fuq ir-responsabilitajiet tad-diretturi billi tghid (f`pagna 837) li :*

*"In addition to the formal processes of dealing with the insolvent company, whether through liquidation, administration, etc, the collapse of the company is also the time when the conduct of the directors (and officers) of the company will be reviewed".*

*Aktar `l quddiem, l-istess awtrici tindika l-kondizzjonijiet li jridu javveraw ruhhom qabel ma direttur ta` kumpanija jista` jinstab responsabbli ta` "wrongful trading". L-istess bhal ma jinghad fil-ktieb "Farrar`s Company Law" aktar qabel kwotat, hi wkoll tinnota li l-ewwel kondizzjoni hi li "the company has gone into insolvent liquidation" (pagna 844). Dan hu hekk ghax qabel ma jigi dikjarat li kumpanija hija insolventi, mhux lecitu li wiehed imur wara l-corporate veil u jitlob sodisfazzjon ghall-kreditu tieghu direttament minghand id-diretturi personalment."*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/TM**) tal-14 ta` Ottubru 2004 fil-kawza "**Theuma vs Cachia**" jinghad illi :-

*"Ghalkemm l-agir lamentat jista` jwassal ghal dikjarazzjoni ta` responsabilita` personali ta` direttur, tali responsabilita` personali tista` tigi dikjarata biss waqt li kumpanija tkun fi process ta` stralc, u dana a tenur tal-artikolu 315 u 316 tal-Att tal-1995 Dwar il-Kumpaniji (Kap. 386)."*

Fl-istess sens kien deciz fl-14 ta` Mejju 2010 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Dottor Andrew Borg Cardona noe vs Victor Zammit et**" (Rik. Gur. Nru. 27/2003). Inghad :-

***"Kummerc bi frodi (Fraudulent trading)***

***315.*** *(1) If in the course of the winding up of a company, whether by the court or voluntarily, it appears that any business of the company has been carried on with intent to defraud creditors of the company or creditors of*

*anyother person or for any fraudulent purpose, the court on the application of the official receiver, or the liquidator or any creditor or contributory of the company, may, if it thinks proper so to do, declare that any persons who were knowingly parties to the carrying on of the business in the manner aforesaid be personally responsible, without any limitation of liability for all or any of the debts or other liabilities of the company as the court may direct.*

*(2) Where the business of a company is carried on with such intent or for such purposes as is mentioned in subarticle (1), every person who was knowingly a party in the carrying on of the business in the manner aforesaid, shall be guilty of an offence and liable on conviction to a fine (multa) of not more than two hundred and thirty-two thousand and nine hundred and thirty-seven Euro and thirty-four cents (€232,937.34) or imprisonment for a term not exceeding five years, or to both such fine and imprisonment."*

*Skont dawn l-artikoli ghalhekk ikun hemm kummerc bi frodi jekk* ***waqt l-istralc ta` kumpanija*** *jkun jidher li xi negozju tal-kumpanija jkun tmexxa bil-hsieb ta` frodi ta` kredituri tal-kumpanija jew ta` kredituri ta` xi persuna ohra jew bil-ghan ta` frodi, waqt li jkun hemm kummerc hazing meta kumpanija tkun giet xolta u tkun insolventi u jkun jidher li persuna li kienet direttur tal-kumpanija kienet taf, jew kellha tkun taf qabel ix-xoljiment tal-kumpanija, li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpanija setghat tevita x-xoljiment minhabba l-insolvenza taghha."* (enfazi mizjud)

Fil-11 ta` Dicembru 2014 din il-Qorti tat decizjoni fil-kawza "**Charles Grech & Company Limited vs Firm Camilleri Bros. (Marketing) Company Limited**" fejn insistiet li l-ezami ta` dak li jahsbu ghalih l-Art 315 u 316 tal-Kap 386 jissussisti meta socjeta` tkun fi stralc. Meta jsiru talbiet skont dawk id-disposizzjonijiet meta socjeta` ma tkunx ghadha giet xjolta, dawk it-talbiet ikunu ntempestivi. Qalet :-

*"Din il-Qorti tghid illi t-test tal-ligi huwa car u inekwivoku. It-tieni talba hija fil-fatt intempestiva ghaliex ma tistax tingieb quddiem il-qorti biex tippronunzja ruhha dwarha fi procediment bhal ma huwa dak tal-lum. Infatti huwa biss fil-provvediment li sejra taghti llum illi l-Qorti sejra tiddikjara jekk il- kumpannija romoter ghandhiex tigi xjolta u stralcjata inkella le. Mela certament fid-data tal-presentata tar-rikors promotur, ma kienx ghad hemm pronunzjament dwar xoljiment u stralc. Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa` t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet."*

Dan premess, ghandu jinghad li l-istat ta` stralc ta` socjeta` kummercjali kien deskritt tajjeb hafna fis-sentenza li tat il-Qorti tal-

Kummerc fis-sentenza taghha tas-7 ta` Lulju 1960 fil-kawza "**Caruana et vs Debono et**" fejn kien rimarkat hekk :-

*"L-istralc hu dak il-perijodu transitorju mehtieg appuntu ghad-determinazzjoni tal-attiv b`serje ta` operazzjonijiet intizi biex jillikwidaw l-affarijiet u biex jigu rizoluti l-vertenzi pendenti. L-istralcjarju hu l-mandatarju maghzul mis-soci, jew mill-Qorti, biex igib ghat-terminu l-operazzjonijiet in korso, jezigi l-krediti u jestingwi l-passivitajiet, u hekk jikkjarixxi l-affarijiet tas-socjeta`, biex jasal ghal rizultat cert li juri jekk hemmx attiv x`jinqasam jew passiv li ghandu jigi sopportat. Hu ma jistghax jaghti hajja ghal operazzjonijiet godda; ghaliex appuntu l-funzjoni tieghu hi dik li jillikwida l-affarijiet ga mibdijin, u ghaldaqstant ghal hekk biss ghandu jigi limitat l-inkariku tieghu. Ghaldaqstant, fil-likwidazzjoni tas-socjeta` ghandhom jigu komprizi biss l-operazzjonijiet li kienu ga bdew u kienu ghadhom in korso fid-data tax-xoljiment tas-socjeta` u gew terminati wara."*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Kummerc fl-10 ta` Mejju 1993 fil-kawza "**Bondin vs Vella noe**" intqal illi :-

*" … wara r-risoluzzjoni tax-xoljiment l-iskop tas-socjeta` jinbidel u jittrasforma ruhu minn dak ta` prosegwiment ta` attivatijiet normali kummercjali ghal dak ta` realizzazzjoni ta` l-assi u hlas tal-passivita` u distribuzzjoni bejn is-socji ta` dak li jkun baqa` biex is-socjeta` tigi estinta.*

*Tajjeb ukoll li jigi precizat illi l-funzjoni tal-likwidatur appuntat mis-socji ta` socjeta` dixxjolta` huwa dak li inter alia jikkustodixxi l-patrimonju tas-socjeta` (Vol XVI p.11 p. 69), jinvestiga l-pretizi kollha avvanzati kontra s-socjeta` mill-kredituri taghha, jiddeciedi l-kwistjonjijiet ta` gradwazzjoni li jinqalghu, jaghmel pjan ta` distribuzzjoni ta` l-attiv u jahseb gaht-tqassim meta l-imsemmi pjan ikun approvat, ihallas dak li ghandhu jittiehed mis-socjeta` f` daqqa wahda jew b` rati skond kif l-attiv tas-socjet`a jippermetti."*

Fil-kaz tal-lum, irrizulta li Ace Shipping Limited kienet *dissolved by extraordinary resolution* skont l-Art 265(1) tal-Kap 386 bl-iskop li jkun hemm *voluntary winding up.* (fol 452 et seq).

Madanakollu l-Qorti hija sprovvista mill-prova li attwalment beda l-process ta` stralc. Dan qed jinghad ghaliex mix-xiehda tal-Av. Claudette Fenech mir-Registru tal-Kumpanniji, kif ukoll minn verbali li saru matul is-smigh tal-kawza fosthom dak tal-15 ta` Ottubru 2008 u min-noti li saru

fosthom dik tas-16 ta` Settembru 2008 u tal-21 ta` Jannar 2009, ghad ma hemmx sal-lum mahtur stralcjarju ta` Ace Shipping Limited. Permezz ta` nota tas-16 ta` Settembru 2008, Ace Shipping Limited kienet iddikjarat li l-istralcjarju kien ghadu mhux appuntatat, stante li ma kenitx saret l-ewwel laqgha tal-kredituri skont l-Art 278 tal-Kap 386.

Fl-isfond tal-gurisprudenza u ta` dak li tghid il-ligi, sabiex jinbeda l-process ta` stralc, irid jinhatar stralcjarju li jkollu s-setghat *inter alia* li jaghmel verifika ta` l-assi u tad-djun tal-kumpannija, li jirrelata dwar il-gradwazzjoni tad-djun, li jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi tal-kumpannija, li jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija. Ghalkemm is-socjeta` konvenuta kienet xjolta, il-Qorti mhijiex tara li jistghu jigu applikati l-Art 315 u 316 tal-Kap 386 ghad ma hemmx hatra ta` stralcjarju u kwindi ghadu ma bediex il-process ta` stralc.

Il-Qorti hadet nota tal-verbal li sar fl-udjenza tal-15 ta` Jannar 2013 fejn id-difensur tal-konvenuti stqarr illi "*ghalkemm kien gie pprezentat avviz ta` stralc tal-kumpannija, qatt ma gie mahtur likwidatur u l-process ta` stralc waqaf fl-istadju tal-avviz.*" Hija l-fehma meqjusa tal-Qorti illi l-verbal ma kienx korrett, fis-sens li dak li sehh bl-avviz kien semplici avviz ta` xoljiment li jfisser li l-kumpannija kienet xjolta, izda ma kellhiex titqies stralcjata jew fi process ta` stralc.

Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti li t-tieni talba ma tistax tkun milqugha ghaliex intempestiva.

## IX. It-tielet talba

Ladarba kienet respinta t-tieni talba li kienet tolqot lill-konvenuti Saviour u Marie Mifsud, ma jistax ikun hemm il-kundanna ghall-hlas tal-ammont likwidat minn din il-Qorti fil-kuntest tal-ewwel talba.

Fl-istess waqt ladarba skont l-ewwel talba Ace Shipping Limited kienet dikjarata debitrici fl-ammont fuq riferit, allura l-kundanna ghall-hlas ta` dak l-ammont ghandha tolqot biss lill-Ace Shipping Limited.

<u>Decide</u>

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-

Riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni, tilqa` l-ewwel eccezzjoni parzjalment, billi tiddikjara illi l-unici mill-atturi li huma l-legittimi kontraditturi tal-konvenuti huma s-socjeta` De Haan B.V. Transport (Malta) Limited u s-socjeta` De Haan Internationale Expedite B.V.

Tilqa` t-tieni eccezzjoni parzjalment.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet, tar-raba` u tas-sitt eccezzjoni tal-konvenuti.

Tilqa` l-hames eccezzjoni.

Tilqa` l-ewwel talba parzjalment billi tiddikjara li s-socjeta` konvenuta Ace Shipping Limited hija debitrici wahedha tas-socjeta` attrici De Haan Internationale Expeditie B.V. rapprezentata mil-likwidatur Carl Felix Wim Antonius Hamm fl-ammont ta` tliet mija sitta u erbghin elf erba` mija tlieta u sebghin Ewro (€346,473) ekwivalenti ghal mija tmienja u erbghin elf seba` mija wiehed u erbghin Liri Maltin (Lm148,741) bl-imghax legali b`effett mill-15 ta` Novembru 2007 - data tan-notifika tar-rikors guramentat.

Tichad it-tieni talba.

Riferibbilment ghat-tielet talba, tikkundanna lill-kumpannija konvenuta Ace Shipping Limited sabiex wahedha thallas lis-socjeta` attrici De Haan Internationale Expeditie B.V. rapprezentata mil-likwidatur Carl Felix Wim Antonius Hamm l-ammont ta` tliet mija sitta u erbghin elf erba` mija tlieta u sebghin Ewro (€346,473) ekwivalenti ghal mija tmienja u erbghin elf seba` mija wiehed u

**erbghin Liri Maltin (Lm148,741) bl-imghax legali b`effett mill-15 ta` Novembru 2007 - data tan-notifika tar-rikors guramentat.**

**Tordna illi l-ispejjez kollha ta` din il-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs (50%) mill-atturi u in kwantu ghal nofs (50%) mill-konvenuta Ace Shipping Limited.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**